MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 31/2013

**A L B f'isimha proprio, u ghan-nom ta' bintha minuri R B u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2013 A L B inhatret kuratrici ad litem ta' binha minuri R B**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u C D (ID 298286 M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi hija kelllha relazzjoni intima mal-konvenut C D;
2. Illi fil-15 ta' Awissu 2012 twieled R B kfi jirrizulta mill-Less certifikat tat-twelid (Dokument A);
3. Illi l-missier biologiku tal-minuri huwa il-konvenut C D, u huwa irrifjuta li jirrikonoxxi lil ibnu, ghalkemm interpellat permezz ta' ittra ufficjali sabiex jaghmel dan;

4. Illi fil-fatt, l-att tat-twelid relattiv il-minuri jidher registrat bhala ‘unknown father’;
5. Illi r-rikorrenti kellha tistitwixxi dawn il-proceduri sabiex tigi sostitwita l-parti fejn tindika ‘unknown father’, u tigi mibdula biex tindika lil konvenut C D bhala l-missier biologiku tal-minuri R B;

Talbet illi il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

i) Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut C D huwa l-missier biologiku tal-minuri R B;
ii) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffetwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta’ R B, u jaghmel dawk l-Lotamenti necessarji fl-istess att tat-twelid sabiex fil-parti fejn tindika ‘unknown father’, tigi mibdula sabiex tinqara bl-isem tal-konvenut C D, kif ukoll inkluzi l-konnotati tal-konvenut C D fuq l-imsemmi att fil-parti fejn taqra : ‘Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija’, ‘Professjoni, sengha jew stat iehor’, ‘Eta’, ‘Fejn Twieled’, ‘Fejn joqghod’, u ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’, kull dettal iehor li tordna din il-Qorti;

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A L B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri R B skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;**

2. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x’jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji

għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-intimat C D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri R B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel R B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit R B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3895 ta' l-2012;

4. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li tintlaqa' l-ewwel t-talba tar-rikorrent, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhu jassumi l-minuri R B a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenut C D tat-12 ta' Marzu 2013 li permezz taghha iddikjara illi jaqbel illi huwa il-missier biologiku tal-minuri R B;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici u cioe' omm il-minuri R B f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici tal-istess binha minuri, sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmi minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-intimat C D bhala l-missier naturali minflok ma jibqa' bhala wild ta' *unknown father*.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Illi permezz tar-rikors promotur taghha, r-rikorrenti tghid li l-intimat, minkejja li gie debitament interpellat b'ittra ufficcjali sabiex jersaq ghar-rikonoxximent ta' ibnu R B, baqa' inadempjenti u ghalhekk ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li tipprocedi bil-kawza odjerna.

Illi minkejja dak li ssostni r-rikorrenti, hija tonqos milli tipprezenta kopja tal-ittra ufficjali relattiva. Min-naha tieghu l-intimat mill-ewwel jammetti li l-minuri fil-fatt huwa l-wild naturali tieghu u ma juri ebda forma ta' resistenza ghat-talbiet attrici.

**<u>Dwar l-Eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe' li r-rikorrenti ma gietx awtorizzata sabiex tidher bhala kuratrici tal-istess minuri, jidher li tali eccezzjoni giet sorvolata permezz tat-talba verbali li ghamlet ir-rikorrenti nhar is-6 ta' Gunju 2013 li giet milqugha fl-istess seduta.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni u cioe' li l-intimat ghandu jipprezenta nota bid-dettalji kollha tieghu, il-Qorti tirrileva li

[1] Esebit a fol 3 tal-process

anke din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz tan-nota li l-istess intimat jipprezenta.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni u cioe' li l-genituri tal-minuri ghandhom jiddeciedu dwar il-kunjom li ghandu jassumi l-minuri, l-Qorti tirrileva li din giet sorvolata wkoll permezz tal-verbal tas-6 ta' Gunju 2013 msemmi aktar 'il fuq fejn gie dikjarat li kunjom l-istess minuri ghandu jkun dak ta' D B.

Illi l-Qorti tirrileva li l-bqija tal-eccezzjonijiet iduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk ir-rikorrenti rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimat C D huwiex il-missier naturali tal-minuri R B jew le.

Il-Qorti tirrileva li kien ikun ferm ahjar li kieku l-partijiet prezentaw in atti test tad-DNA li seta' jaghti c-certezza tal-paternita' tal-minuri b'mod xjentifiku. Pero' min-naha l-ohra, tenut kont tal-fatt li l-intimat mill-ewwel iddikjara li hu minnu li huwa l-missier naturali tal-minuri, dan juri wkoll li tali fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet tant li m'hemmx l-icken dubju dwar min jista' jkun l-istess missier naturali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri R B;

(2) Tilqa' t-tieni talba hekk kif dedotta billi tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri R B bin-numru 3895/2012 billi minflok il-kliem 'unknown father' fil-kolonna ntestata 'isem u kunjom' magenb il-kliem 'missier it-tarbija' jitnizzel isem u kunjom l-intimat C D li ghandu l-karta tal-identita' numru 0298286M, iben Grezzju D li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri kien haj, l-eta' li kellu l-intimat meta twieldet il-minuri kienet dik ta' sitta u ghoxrin (26) sena, huwa mwieled il-Pieta' u meta twieldet l-istess minuri kien residenti f'Hal Luqa.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn l-attrici u l-konvenut C D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------